MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2007

Numru 1533/2007

Il-Pulizija
(Sp Stephen Gatt u Sp Daniel Zammit)
vs
Alan Bartolo, iben Joseph, imwieled Pieta' fl-10 ta' awissu, 1987

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fit-13 ta' diċembru, 2007 ġewwa l-Gżira kkometta reat ta' serq u cioe' mutur motorino ta' marka mhux magħrufa għad-dannu ta' Salvatore Grixti u Angelo Solarno, liema serq hu kkwalifikat bil-valur ta' inqas minn elf lira maltin, bil-lok u bix-xorta tal-ħaġa misruqa.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fewjn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' diċembru, 2007 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(ċ)(e)(g), 267, 271(g), 279(a) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------